**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Mary Anne Borg**

Kaz Nru: 381/2015

Illum 12 ta' Ottubru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Mary Anne Borg, ta' 30 sena, bint Raymond u Catherine nee' Cutajar, imwielda Pieta' nhar it-30 ta' Settembru 1984 u residenti 6 Ghar Zgherrija Mtahleb, limit tar-Rabat Malta, detentrici ta' karta tal-identita' 474584(M) akkuzata :-

1. Talli fl-1 ta' Frar 2015 f'dawn il-gzejjer, iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li taf li ma sarx, inkella bil-qerq holqot it-tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

2. U aktar talli fl-1 ta' Frar 2015 f'dawn il-gzejjer bil-qerq holqot jew gieghlet jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna jew persuni ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

3. U aktar talli fl-1 ta' Frar 2015 f'dawn il-gzejjer, halfet il-falz quddiem ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament liema gurament kien ordnat b'digriet ta' wahda mill-qrati ta' Malta;

Akkuzata wkoll talli nhar it-12 t'April, 2015 u/jew fil-jiem ta' wara din id-data f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnha anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

4. Ikkommettiet serq ta' ammont ta' mhux aktar minn 70 euro, bil-persuna , bil-lok ghad-detriment ta' Iris Dimech u Maria Antonia Micallef mir-Rabat Malta u/jew persuna/i u /jew entitajiet ohra;

5. B'mezz kontra il-ligi jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex qanqalt tama jew biza' dwar grajja kimerika ghamilt qliegh ta' 10 ewro ghad-dannu ta' Iris Dimech u Maria Antonia Micallef mir-Rabat Malta.

6. U aktar talli b'hekk ghamlet reat waqt perjodu ta' Probation ghal zmien ta' tlett snin, liema Probation giet imposta fuqha mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D nhar il-11 ta' Lulju 2014.

7. U talli b'hekk kisret sentenza liema sentenza inghatat fuqha mill-Qorti tal-Magistrati, mill-Magistat Dr Doreen Clarke LL.D. nhar l-10 ta' Lulju 2014, liema sentenza ghadha fil-perjodu operattiv taghha.

8. U aktar talli taht l-istess cirkostanzi, sirt recidiva b'sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, fejn tali sentenzi gew defenittivi u li ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra mill-piena tapplika espressament il-piena tal-interdizzjoni generali, kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi bhala xhud, hlief quddiem il-qrati tal-gustizzja, u bhala perit f'kull kaz li jkun u dan kif mahsub f'artikolu 109 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputata tinsab addebitata b'diversi reati li tlieta minnhon jirreferu ghall-1 ta' Frar 2015, filwaqt li zewgt imputazzjonijiet ohra jirreferu ghat-12 ta' April 2015 u fil-jiem ta' wara. L-imputazzjonijiet l-ohra imbaghad huma dwar li l-imputata wettqet reati waqt il-perjodu operattiv ta' ordni ta' probation u ta' sentenza sospiza u giet addebitata li hija recediva.

**L-Ewwel tlett imputazzjonijiet**

L-imputata tinsab addebitata bi ksur tal-artikolu 110(1) u (2) tal-Kodici Kriminali. L-artikolu inkwistjoni jistipula:

***110.*** *(1) Kull min bil-qerq joħloq jew iġiegħel jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanza, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanza jkunu jistgħu 'l quddiem jiswew bi prova kontra persuna oħra, bil-ħsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tiġi kontra s-sewwa akkużata jew misjuba ħatja ta' reat, jeħel, meta jinsab ħati, bħala xhud falz, bil-mod kif jingħad fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu.*

*(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija Eżekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex jiżguraw li dak ir-reat kien sar, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena.*

Dwar dawn ir-reati referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Dorianne Sciberras**[1]

Ir-reat ikkontemplat f'dan l-artikolu tal-ligi huwa meqjus fil-gurisprudenza kontinentali bhala forma ohra ta' kalunja. Dana peress illi kif inghad iktar 'il fuq filwaqt illi ir-reat taht l-artikolu 101 huwa meqjus bhala verbali u dirett, il-kalunja taht dina id-disposizzjoni tal-ligi hija imsejjha rejali u indiretta. Il-Professur Mamo ighid hekk fin-noti tieghu:

***"The constituent elements of this crime emerge clear from its definition. The material element consists in fabricating that is, as the law says, falsely causing***

[1] Deciza fid-9 ta' Mejju 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

***any fact to exist or appear to exist which may be used as evidence of a criminal offence against an innocent person. The intentional element consists in the intent on the part of the agent to procure that the person be unjustly convicted of or charged with the offence. On the other hand, the crime under Section 101 of calumnious accusation known as verbal or direct "such crime is completed by the mere presentation of the information, report or complaint to the competent authority, in the case of this indirect form of calumnous accusation the crime cannot be said to be***

***completed until the fact or circumstance of fact falsely caused to exist or to appear to exist as aforesaid, becomes known to the competent authority."***

Fl-ahharnett mid-dicitura tal-ligi jidher illi dina il-forma ta' kalunja trid twassal ghal kundanna tal-persuna li hija akkuzata ingustament b'reat abbazi ta' dawn il-provi foloz li ikunu gew fabbrikati.

Illi referenza ssir ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Loreto Bugeja**[2] fejn il-Qorti rritiniet is-segwenti b'referenza ghall-artikolu 110(2) tal-Kodici Kriminali li huwa l-istess artikolu tal-ligi addebitat fil-konfront tal-imputat:

*"Dina d-disposizzjoni tal-ligi giet mizjuda fil-kodici taghna permezz ta'l-Ordinanza IX ta'l-1911 u giet imfassla fil-maggior pparti taghha fuq l-artikolu 211 tal-Kodici Taljan ta'l-1889. Il-Professur Mamo fin-noti tieghu ghandu dana xi ighid dwar dina d-disposizzjoni tal-ligi:*

***"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertainan imaginary fact. … This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence <u>there is no specific accusation against any determinate person</u> and <u>there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged</u> … (sottolinjar tal-Qorti). The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation, that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. … Finally <u>the denunciation must be made without specifying the supposed offender;</u>***

[2] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-23 ta' Settembru 2010

***otherwise this crime degenerates into that of calumnous accusation.(sottolinjar tal-Qorti)"***

*F'sentenza moghtija mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16/02/1998) gie deciz:*

***" Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indirecta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta'reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjoni***

***verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."***

Jehtieg ghalhekk li ssir referenza ghall-provi prodotti. Is-Supretendent Carmelo Bartolo xehed dettaljatament[3], kif ukoll diversi ufficjali tal-pulizija ohra, dwar x'wassal ghal dawn l-imputazzjonijiet. Fl-1 ta' Frar 2015 ghall-habta tal-12.15p.m certu Mario Galea mar l-ghassa u talab l-assistenza tal-pulizija tal-Ghassa tar-Rabat peress li ftit qabel kien gie infurmat mis-siehba tieghu, l-imputata odjerna, li allegatament kienu dahlu zewg persuni fuqha waqt li kienet fid-dar taghha, tawha xi daqqiet u hedduha. Il-pulizija marru immedjatament fuq il-post u l-imputata irrakkontatilhom l-istorja. Hija uriethom ticpis li kien mal-art li kien kulur hamrani u bdiet issostni li kien demm. Uriethom ukoll xi ticpis ta' kulur ahmar li kellha fuq wiccja u f'ghonqha. Hija stqarret mal-pulizija li xi nofs siegha qabel kien habtilha l-bieb, staqsiet min kien hemm u qalilha Mario u hekk kif bdiet tbexxaq il-bieb, ragel fetah u imbutta l-bieb fuqha, l-irgiel baqghu dehlin biha b'kollox u qabdu jaghtuha u heddewha wkoll. Is-Supretendent Bartolo accede fuq il-post. Kif wasal u mar jara l-likwidu hamrani, kien diga' ngabar mill-esperti tal-forensika izda kien fadal xi fdal mad-dawra tas-sink u kif rah mill-ewwel induna li dan il-likwidu ma kienx demm izda kellu suspett li kien xi zalza tal-ikel. Mad-dar kien hemm ukoll Sistema ta' CCTV li kienet tirrekordja x'kien qieghed jigri fuq in-naha ta' barra.

Dwar dan il-kaz infethet inkjesta magisterjali. Gie nominat Dr Martin Bajada u hekk kif raw il-filmat tar-recording indunaw li minn dak kollu allegat fil-fatt ma sehh xejn. Kompla bl-investigazzjoni u mar l-ghassa tal-Hamrun u hass il-bzonn li jkellem lill-imputata wara li tah d-drittijiet kollha u bdew jitkellmu. Huwa xehed li l-imputata stqarret mieghu verbalment li minn dak allegat ma kien gara xejn u li hija ghamlet dak kollu biex tattira l-attenzjoni tas-sieheb taghha. Spjegatlu li dak li kien hemm

[33] Seduta tal-14 ta' Lulju 2015

mal-art kien sustanza tal-ikel, u li dakinhar hija kienet xorbot. Evebtwalment mal-wasla ta' Dr Mario Scerri fl-ghassa l-imputata giet riferuta fl-Isptar Monte Carmeli.

Dr Mario Scerri[4] ipprezenta rapport u xehed ukoll li fl-1 ta' Frar 2015 iltaqa' mal-imputata fl-ghassa u nduna li ma wiccha kellha blusher u terra. Qalilha biex tmur tahsel wiccha u kollox telaq. Huwa rrikoveraha l-isptar Monte Carmeli billi dan kollu sehh minhabba li kienet trid tattira l-attenzjoni u kellha bzonn l-ghajnuna.

Mir-rapport ta' PS 644 Evan Camilleri u PC 1362 Jonas Schembri[5] gie konstatat fost diversi affarijiet is-segwenti: *"Fuq it-tapit li kien jinsab quddiem il-bieb tal-kamra tas-sodda gew identifikati gizirana lewn il-fidda u pendent ahmar. Kemm il-gizirana kif ukoll il-pendent ma kienux imqaccta. Is-sur Galea spjega illi Maryanne Borg kienet qaltlu li l-aggressuri gew minn fuq il-bejt tal-fond u nizlu mal-faccata fejn wara dahlu minn tieqa li taghti ghall-ewwel kamra (kcina). L-esponenti ma nnotaw l-ebda marki ta' scalar mal-faccata tal-fond."*

Fir-rapport tieghu Dr Martin Bajada[6] ikkonkluda li mill-analizi tal-CCTV footage dak rapportat minn Mary Anne Borg ma kienx qieghed jirrizulta li bejn id-9.30 u 12.30 tal-1 ta' Frar 2015 xi hadd kien habbat il-bieb tar-residenza taghha.

Inoltre' jirrizulta fil-*current incident report*[7] li gie pprezentat in atti mis-Surgent 163 li hejja l-istess rapport dak li l-imputata irrapportat meta huma marru fuq ix-xena tad-delitt minn fejn jirrizulta li fil-versjonijiet moghtija minnha kien hemm diversi inkonsistenzi. Is-surgent kiteb li fuq il-post setgha jigi nnutat li ma kienx hemm tracci ta' demm u x'hin giet mistoqsija rigward dan l-imputata stqarret li wara li mar Mario kienet lahqet meshet l-art fejn indikat lill-pulizija l-bicca li kienet uzat. Setgha jigi nnutat li mal-hogor tat-tieqa li allegatament dahlu dawn il-persuni minnha kien hemm bicca u zewg pjanti li pero' ma kienux maqlubin jew minsusin b'xi mod. Fuq in-naha ta' barra tat-tieqa seta' wkoll jigi nnutat li ma kienx hemm xi marki taz-zraben pero' mal-frame tal-aluminium tan-net tal-istess tieqa seta' jigi nnutat li kien hemm xi marki tas-swaba.

Abbazi ta' dawn il-provi jirriuzulta li l-ewwel zewgt imputazzjonijiet gew ampjament ippruvati u r-rekwiziti necessarji sabiex ir-reati addebitati jirrizultaw jissussistu. L-imputata, fl-ewwel lok, holqot messa in xena shiha fejn sahansitra ghamlet make-up fuq wiccha u fuq ghonqha biex taghti impressjoni li ssawtet. Tefghet ticpis ta' kulur ahmar mal-art sabiex issahhah dak li kienet qed tallega ossija attentat ta' serqa bi vjolenza. Hija infurmat lis-sieheb taghha li min-naha tieghu rrapporta lill-pulizija li meta marru fuq il-post l-imputata sostniet il-versjoni taghha. Kif irrizulta mill-provi xejn minn dak allegat fil-fatt ma sehh.

[4] Seduta tat-3 ta' Novembru 2015
[5] A fol 11 fl-atti tal-proces verbal ezebit
[6] A fol 19 fl-atti tal-proces verbal ezebit
[7] Dok RA

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni ma jirrizultax mill-atti li l-imputata tat ix-xhieda taghha bil-gurament. Ghalhekk ma tistax tinstab htija.

**L-imputazzjonijiet li jirreferu ghat-12 ta' April 2015 u/jew fil-jiem ta' wara**

L-imputata hija akkuzata b'serq aggravat bil-persuna u bil-lok ta' ammont mhux aktar minn €70; u kif ukoll li kkommettiet frodi u ghamlet qliegh ta' €10.

Irrizulta li fl-14 ta' April 2015 Iris Dimech irrappurtat fl-ghassa tar-Rabat li kienet marret wahda mara ghandha u qaltilha li kienet qeghda tigbor xi flus biex taghmel programm tat-televixin ghan-nies fil-bzonn. Hija kienet tatha €5. Is-sinjura Dimech kompliet tirrapporta li din il-mara kienet haditilha madwar €20 mill-portmoni[8]. Mid-deskrizzjoni li nghatat is-suspett mill-ewwel waqa' fuq l-imputata. Wps 254 kompliet tixhed li fil-21 ta' April 2015 kienet ghaddejja bir-ronda u rat lill-imputata u nfurmatha li l-Ispettur riedet tkellimha. Hija talbet ghall-assistenza u nfurmaw lill-imputata li kienet taht arrest. Saret tfittxija fuqha fl-ghassa u nstabu diversi affarijiet fosthom oggetti li setghu kienu relatati mad-droga. Sraet tfittxija fir-residenza taghha u nsabet tag hamra imwahhla bl-id card tal-imputata u kellha xi tape. Instabu wkoll karti forma ta' ktieb b'ritratt ta' tarbija u dettalji ta' xi persuna ohra.

Iris Dimech[9] ikkonfermat li fl-14 ta' April 2015 ghamlet rapport l-ghassa. Hija xehdet kif persuna li hija gharfet bhala l-imputata marret thabtilha d-dar u qaltilha li kien se jsir programm fuq it-tfal bi bzonnijiet specjali u staqsitha kienitx lesta li taghti xi flus. Is-sinjura Dimech qaltilha iva u l-imputata qabdet u dahlet warajha u l-imputata ssuggeriet li jidhlu fil-kcina. Hekk ghamlu u tatha €5. L-imputata kellha xi tag b'xi tifla. Is-sinjura Dimech fethet il-portmoni quddiem l-imputata. F'hin minnhom l-imputata talbitha tissue ghaliex qalet li kellha running nose. Is-sinjura Dimech harget mill-kcina biex taghtiha tissue u l-portmoni hallitu fuq il-mejda. Hija marret lura fil-kcina, sabet lill-imputata fuq saqajha u qaltilha li riedet tmur. Fid-dar huma biss kienu. Imbaghad is-sinjura Dimech harget tixtri u ndunat li kienu naqsulha €20. Hija kienet certa mill-ammont ta' flus li kellha fil-portmoni.

Maria Antonia Micallef[10] irrappurtat fl-ghassa tar-Rabat fit-12 ta' April 2015 li kienet marret persua li talbitha flus ghal tarbija minhabba li kellha tumur. Kif dahlet sa nofs il-kuridur u l-imputata dahlet warajha. Is-sinjura Micallef xehdet li kellha l-flus fuq il-mejda u l-portmoni magenbhom. Hija tatha €5 bhala donazzjoni. Qalet li l-imputata riedet tara lill-qattusa, marret tiehu l-qattusa fil-kamra tas-sodda. L-imputata waqqghet il-biro taht il-mejda tal-kcina u haditlha l-flus.

---

[8] Xhieda ta' WpS 254 Janice Giordmaina
[9] Seduta tat-30 ta' April 2015
[10] Seduta tat-30 ta' April 2015

Inkwantu ghall-imputazzjoni tas-serq din il-Qorti tqis li s-sinjuri Micallef u Dimech huma kredibbli u l-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita l-versjoni taghhom. Biss pero' l-aggravju tal-persuna ma jissussistix.

L-imputazzjoni ta' frodi tirrizulta wkoll ippruvata mill-provi prodotti inkwantu l-imputata ghamlet messa in xena sabiex il-vittmi tawha l-flus.

**L-imputazzjonijiet l-ohra**

Ebda sentenzi li setghu inghataw fil-konfront tal-imputata ma gew prezentati. Ghalhekk is-sitt, seba' u tmien imputazzjonijiet mhumiex ippruvati.

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata jirrizulta mix-xhieda tal-ufficjal tal-probation li xehdet diveri drabi dwar l-andament tal-imputata intwera li l-imputata segwiet l-ordnijiet u hadet il-kura li kellha bzonn u tidher li fehmet kif tindirizza l-problemi taghha. Fil-mori tal-proceduri kellha wkoll tarbija u ghalhekk akkwistat aktar stabilita' f'hajjitha. Tqis ghalhekk li huwa opportun li taghti l-ahhar cans lill-imputata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja tat-tielet imputazzjoni, tal-aggravju tal-persuna fil-hames imputazzjoni, tas- sitta, seba' u tmien imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata u ghalhekk tillibera lill-imputata minn tali imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 110(1)(2), 18, 261(e), 269(g), 281(a), 308, 310(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tagha izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputata taht Ordni ta' Probation ghal zmien sentejn (2) skont id-digriet moghti kontestwalment li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht Ordni ta' Trattament ghal zmien sentejn (2) ghal ghajnuna psiklogika.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hatja thallas l-ammont ta' €824.66 rapprezentanti hlas ta' esperti nominati fl-inkjesta magisterjali. Il-hatja qeghda tinghata zmien sentejn biex thallas tali ammont. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx il-bilanc jigi konvertit fi prigunerija.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi jekk tikkometti reat iehor waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**